MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 168/2013

**George Xerri magħruf bħala Scerri**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-19 ta’ Frar 2013 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illu huwa twieled fl-10 ta’ Diċembru 1942 u t-twelid tiegħu ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid numru 276 tal-1943 (Dok A).  F’dan iċ-ċertifikat il-kunjom tal-ġenituri tiegħu ġie spellut XERRI u mhux SCERRI;

Illi l-kunjom korrett kellu jkun SCERRI u dan kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-ġenituri tal-esponenti li jġib in-numru 1051 tal-1924 (Dok B);

Illi *inoltre*, sussegwentement l-esponenti żżewweġ fit-23 t'Awissu 1964 (Dok C) u minn dan iż-żwieġ kellhu erbat itfal li jisimhom Henry, Rosemarie, Alison u Dorothy u ċ-ċertifikati relattivi huma esebiti bħala Dok D, E, F u G u l-kunjom dejjem ġie ndikat bħala SCERRI u mhux XERRI;

Illi l-esponenti f'għomru dejjem uża l-kunjom Scerri u qatt m'uża l-kunjom Xerri u dan kif jidher mill-kopji antiki tal-passaport tal-esponenti, tal-liċenzja tas-sewqan, iċ-ċertifikat tiegħu tas-servizz Ingliż li ħareġ fil-1960 u l-kuntratti ta' akkwist ta' proprjeta'.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

Tordna li ssir korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-esponenti fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom il-Missier u Omm it-Tarbija' biex il-kunjom Xerri jiġi sostitwit bil-kunjom Scerri u sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, f'każ li ma tiġiex akkolta, li jiġi ordnat li fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-esponenti jkun hemm annotazzjoni relattiva li l-esponenti huwa magħrufa bil-kunjom Scerri;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fis-7 ta' Marzu 2013, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern ta' lanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

Illi l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni għall-korrezzjoni ta' kunjom ir-rikorrenti minn "Xerri" għal "Scerri", salv pero' li huwa m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni fl-att tat-twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 276/1943 u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Illi f'dak iż-żmien li ġie reġistrat l-imsemmi att ta' twelid, u ċjoe' s-sena 1943, ma kienx hemm eżistenti sistema kompjuterizzata ta' ġabra u kkonservar ta' nformazzjoni u dokumenti. Għaldaqstant, l-uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku kienu jistrieħu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma l-korrezzjoni tal-informazzjoni li kienet titniżżel fl-att in kwistjoni;

b. Illi fl-att ta' twelid *de quo* kien propriju missier ir-rikorrenti Anthony Xerri li kien id-dikjarant u ta l-informazzjoni kollha li imbagħad tniżżlet fiċ-ċertifikat tar-rikorrenti u saħansitra ffirma l-istess att.

Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tat-22 t'April 2013 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur kif indikat fir-rikors qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni t'ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi jirriżulta li fl-att tat-twelid indikat, sar żball billi minflok Scerri tniżżel il-kunjom Xerri. Fir-rigward tal-ispejjeż ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas tal-konvenut u allura l-atturi għandhom iħallsu dawn l-ispejjeż.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi fir-rigward tal-att imsemmi fir-rikors promotur billi minflok il-kunjom *Xerri* jitniżżel *Scerri*.**

**L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------